

# Dizzjunarju Queer

## Terminoloġija u Definizzjonijiet

GVERN TA' MALTA
SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦAR-RIFORMI U L-UGWALJANZA

www.lgbtiq.gov.mt

HUMAN RIGHTS DIRECTORATE

Ħafna fostna joqogħdu lura milli jitkellmu dwar l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess minħabba li jibżgħu li jużaw terminoloġija ħażina biex jesprimu lilhom infushom jew jidentifikaw lil ħaddieħor. Dan l-ostaklu spiss jikber fl-interazzjonijiet bil-Malti, bit-terminoloġija ta' spiss tiġi sostitwita bil-kontroparti Ingliża.

Nittamaw li dan il-glossarju jwassal għal fehim aħjar tal-kliem li qed tuża, filwaqt li tagħmel il-konversazzjonijiet tiegħek ma' ħaddieħor aktar faċli u komdu. It-terminoloġija tinbidel bejn il-kulturi u ż-żmien, u filwaqt li saru l-isforzi kollha biex din l-għodda tkun komprensiva kemm jista' jkun, xorta tista' tiltaqa' ma' kliem li mhumiex elenkati hawn. Bħala regola ġenerali, dejjem isma' u rrispetta t-terminoloġija użata mill-persuna nnifisha.



# A

**Affermazzjoni tal-ġeneru** Dan it-terminu jirreferi għall-proċess li permezz tiegħu xi persuni jiddefinixxu mill-ġdid il-ġeneru li jgħixu fih sabiex jesprimu aħjar l-identità tal-ġeneru tagħhom. Dan il-proċess jista', iżda ma għandux bżonn, jinvolvi assistenza medika, inklużi terapiji bl-ormoni u kwalunkwe proċedura kirurġika li jgħaddu minnhom persuni trans biex jallinjaw ġisimhom mal-ġeneru tagħhom.

**Alleata** Terminu li jintuża biex jirreferi għal persuni li b'mod attiv jappoġġjaw lill-komunità LGBTIQ+. Dan jinkludi alleati ċisġeneru u eterosesswali, iżda wkoll dawk fi ħdan il-komunità LGBTIQ+ li jappoġġjaw lil xulxin (eż. raġel gay li jappoġġja l-komunità intersess).

**Allosessiżmu** Attitudnijiet diskriminatorji, preġudizzji, normi, sterjotipi u mġiba li jiddependu fuq is-suppożizzjoni li kulħadd jesperjenza, jew għandu jesperjenza, attrazzjoni sesswali.

**Allosesswali** Terminu użat biex jiddeskrivi lil kull min jesperjenza attrazzjoni sesswali lejn xi ħadd li jista' jkun tal-istess ġeneru jew ta' ġeneru differenti. Dan it-terminu jinnormalizza l-esperjenza ta' nies fuq l-ispettru asesswali u jipprovdi terminu aktar speċifiku biex jiddeskrivi dawk li mhumiex.

**Androġina** Persuna androġina hija persuna li l-espressjoni tal-ġeneru tagħha tisfida n-normi tal-ġeneru u hija influwenzata kemm minn dawk li tipikament jitqiesu bħala karatteristiċi tal-ġeneru maskili kif ukoll dawk femminili.

**Androsesswali** Attrazzjoni sesswali jew romantika lejn irġiel, persuni maskili jew maskulinità, irrispettivament mill-bijoloġija, l-anatomija jew is-sess assenjat mat-twelid.

**Aromantika** In-nuqqas ta' attrazzjoni romantika lejn persuni oħrajn, jew xewqa żgħira jew assolutament l-ebda xewqa li tidħol f'relazzjoni romantika.

**Asesswali** In-nuqqas ta' attrazzjoni sesswali lejn persuni oħrajn, jew xewqa żgħira jew assolutament l-ebda xewqa li jkollok relazzjoni sesswali.

# B

**Bifobija** Diskriminazzjoni u preġudizzji lejn persuni bisesswali, ħafna drabi bbażati fuq kunċetti żbaljati u sterjotipi, inklużi assoċjazzjonijiet mhux preċiżi ma' infedeltà, indeċiżjoni u trażmissjoni ta' infezzjonijiet sesswali.

**Bijoloġikament femminili** Terminu li fit-twelid jiġi assenjat lil persuna li s-sess tagħha jipproduċi l-ova u li tradizzjonalment iddefinixxa l-anatomija (eż. vaġina, utru) u l-għamla kromożomali (XX) ta' tifla/mara.

**Bijoloġikament maskili** Terminu li fit-twelid jiġi assenjat lil persuna li s-sess tagħha jipproduċi l-isperma u li tradizzjonalment iddefinixxa l-anatomija (eż. pene, skrotum) u l-għamla kromożomali (XY) ta' tifel/raġel.

**Bikurjuża** Terminu li jirreferi għal persuni li qed jiddubitaw jew jesploraw l-orjentazzjoni sesswali tagħhom, ħafna drabi bħala riżultat ta' kurżità dwar attrazzjoni romantika u sesswali lejn nies tal-istess ġeneru jew ta' ġeneru differenti.

**Bisesswali/Bi** Persuna li hija attirata b'mod romantiku, emozzjonali u/jew sesswali lejn nies ta' aktar minn ġeneru wieħed. Persuna tista' tesperjenza din l-attrazzjoni b'modi u gradi differenti matul ħajjitha.

**Butch** Normalment dan it-terminu jirreferi għal nies li jidentifikaw ruħhom bħala nisa u li għandhom l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom aktar maskili, kemm jekk fiżikament, psikoloġikament jew emozzjonalment.

## Ċ

**Ċisġeneru** Terminu li jirreferi għal dawk in-nies li l-identità tal-ġeneru tagħhom taqbel mas-sess li ġew assenjati mat-twelid.

**Ċisnormattività** Ċisnormattività hija s-suppożizzjoni li l-individwi kollha, jew kważi kollha, huma ċisġeneru. Hija taħlita tal-prefiss ċis-, bħal f'ċisġeneru, u s-suffiss -normattività, simili għal eteronormattività.

**Ċissessiżmu** Sett ta' attitudnijiet diskriminatorji, preġudizzji u mġiba li jiddependu fuq it-twemmin li l-identitajiet ċisġeneru huma superjuri u aktar validi minn identitajiet transġeneri.

**Cross dresser** Persuna li ġeneralment tkun ċisġeneru, iżda tista' tagħżel li tilbes ilbies u tuża manjieri li ħafna drabi huma aktar assoċjati ma' ġeneru differenti. Din hija forma ta' espressjoni tal-ġeneru u mhux magħmula għal skopijiet ta' divertiment.

**Cruising area** Terminu li jirreferi għal żona partikolari jew spazju pubbliku, normalment f'post imwarrab, li jiġu ffrekwentati minn irġiel li qed ifittxu inkontri sesswali ma' rġiel oħrajn.

## D

**Demisesswali** Ġeneralment meqjus fuq l-ispettru asesswali, dan it-terminu jirreferi għal nies li jesperjenzaw attrazzjoni sesswali biss taħt ċirkostanzi speċifiċi bħal wara li jistabbilixxu ġibda romantika jew emozzjonali ma' persuna.

**Disforija tal-ġeneru** Tbatija esperjenzata minn xi individwi li l-identità tal-ġeneru tagħhom ma tikkorrespondix mas-sess assenjat lilhom mat-twelid. Hija timmanifesta ruħha bħala tbatija klinikament sinifikanti jew indeboliment f'oqsma soċjali, okkupazzjonali jew f'oqsma oħrajn li huma importanti biex wieħed jiffunzjona. Il-Manwal Dijanjostiku u Statistiku tad-Disturbi Mentali (DSM-5) jinkludi d-disforija tal-ġeneru bħala dijanjożi.

**Diskriminazzjoni** Trattament mhux ugwali jew inġust li jista' jkun ibbażat fuq firxa ta' raġunijiet, bħall-età, ir-reliġjon jew it-twemmin, ir-razza jew l-etniċità, diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru, fost l-oħrajn.

**Diskriminazzjoni diretta** Meta persuna tiġi ttrattata b'mod inqas favorevoli minn persuna oħra f'sitwazzjoni komparabbli.

**Diskriminazzjoni indiretta** Meta dispożizzjoni apparentement newtrali tpoġġi persuna fi żvantaġġ, b'mod partikolari meta mqabbla ma' persuni oħrajn.

**Drag king/queen** Persuna li tilbes ilbies ta' ġeneru ieħor, li ħafna drabi jinvolvi preżentazzjoni esaġerata u sterjotipika tal-karatteristiċi tal-ġeneru. L-individwi jistgħu jidentifikaw ruħhom bħala drag kings jew drag queens meta jipprestaw ġeneru għall-finijiet ta' parodija, arti jew divertiment.

# E

**Emarġinazzjoni** L-esklużjoni u l-injorar ta' persuna jew grupp soċjali partikolari mill-komunità usa'.

**Endosess** Persuna li l-karatteristiċi tas-sess tagħha jaqblu mal-ideat normattivi mediċi jew soċjali għal ġisem femminili u maskili. Ara wkoll intersess.

**Espressjoni tal-ġeneru** "Tirreferi għall-manifestazzjoni ta' kull persuna tal-identità tal-ġeneru tagħha, u/jew dik li hija perċepita mill-oħrajn" (KAP 540/567 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Eteronormattività** Dan it-terminu jirreferi għas-sett ta' twemmin li l-eterosesswalità hija naturali u privileġġjata fuq orjentazzjonijiet sesswali oħra u għalhekk jiddeskrivi u jsaħħaħ l-eterosesswalità bħala norma. Dan jimplika li l-orjentazzjoni sesswali ta› kull persuna hija min-natura tagħha, u għalhekk l-eterosesswalità hija l-unika sesswalità konċepibbli u l-uniku mod kif tkun 'normali'.

**Eterosessiżmu** Huwa sett ta' attitudnijiet diskriminatorji, preġudizzji u mġiba bbażati fuq il-ġeneru bħala binarju li jiffavorixxu l-eterosesswalità u r-relazzjonijiet eterosesswali.

**Eterosesswali** Persuna li għandha attrazzjoni romantika, emozzjonali u/jew sesswali lejn persuni ta' sess differenti. Kollokjalment imsejħa *straight*.

# F

**Fastidju** Jirreferi għas-soġġettar ta' persuna oħra għal "kull att, talba jew kondotta mhux mixtieqa, li jinkludu kliem bil-fomm, ġesti jew il-produzzjoni, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktubin, stampi jew materjal ieħor" (KAP 452 tal-Liġijiet ta' Malta), li għandu l-iskop jew l-effett ta' ksur tad-dinjità ta' persuna, meta jinħoloq ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.

**Fastidju sesswali** Huwa "kontra l-liġi li persuni jagħtu fastidju sesswali lil persuni oħra, jiġifieri: (a) li jissoġġettaw lil persuni oħra jagħmlu xi att ta' intimità fiżika; jew (b) li jitolbu favuri sesswali mingħand persuni oħra; jew (ċ) li jissoġġettaw lil persuni oħra għall-għemil ta' xi att jew it-twettiq ta' xi mġiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem mitkellma, mossi jew l-għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi jew xi materjal ieħor, meta l-att, il-kliem jew l-imġiba ma jkunux jogħġbu lill-persuni li jkunu indirizzati lejhom u jkunu jistgħu raġonevolment jitqiesu bħala li huma offensivi, umiljanti jew intimidatorji fir-rigward tal-persuni li jkunu diretti lejhom, jew (d) meta l-persuni hekk issoġġettati jew mitluba jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli minħabba li, billi dawk il-persuni jkunu ċaħdu jew ċedew għal dak l-assoġġettament jew dik it-talba, jista' jkun raġonevolment antiċipat li dawk il-persuni jkunu se jiġu ttrattati b'dak il-mod" (KAP 456 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Femminilità /Femminili** Sett ta' attributi, imġiba u/jew rwoli tipikament assoċjati ma' bniet u nisa. Il-femminilità ħafna drabi titqies bħala kostruzzjoni soċjali bbażata fuq fatturi maħluqa soċjalment, u kull persuna ta' kwalunkwe identità tal-ġeneru jew karatteristika tas-sess tista' turi karatteristiċi femminili.

## Ġ

**Ġeneriżmu/ Ġeneru binarju** L-idea li jeżistu biss żewġ ġeneri, maskili u femminili, u li persuna trid tidħol strettament f'kategorija waħda jew l-oħra. L-identità tal-ġeneru hija mistennija li tallinja mas-sess assenjat mat-twelid u l-espressjonijiet u r-rwoli tal-ġeneru mistennija jallinjaw mal-aspettattivi tradizzjonali.

**Ġeneru** "Ir-rwoli, l-aspettattivi, l-attivitajiet, l-imġiba u l-attributi mibnija soċjalment li s-soċjetà fi kwalunkwe żmien tassoċja ma' persuna ta' kwalunkwe sess, li tassumi kwalunkwe identità tal-ġeneru jew espressjoni tal-ġeneru" (KAP 581 tal-Liġijiet ta' Malta).
It-terminu għandu dimensjonijiet storiċi, soċjali u kulturali profondi u jista' jkun jew ma jkunx allinjat mas-sess assenjat mat-twelid.

**Ġeneru fluwidu** Persuna li l-identità tal-ġeneru tagħha mhijiex fissa. Persuna li tidentifika ruħha bħala ġeneru fluwidu tista' dejjem tħossha bħala taħlita taż-żewġ ġeneri tradizzjonali, iżda tista' wkoll tħossha li tidentifika ruħha aktar ma' ġeneru wieħed f'xi ġranet, u ma' ġeneru ieħor fi ġranet oħrajn.

**Ġeneru inklużiv/newtrali** Jirreferi għal spazju inklużiv li huwa disponibbli għan-nies kollha ta' kull ġeneru u għal lingwaġġ li ma jeskludix persuni b'identitajiet u espressjonijiet ta' ġeneru differenti.

**Ġeneru megħjux** "Jirreferi għall-identità tal-ġeneru tal-persuna u l-espressjoni pubblika tal-istess identità matul perjodu sostnut ta' żmien" (KAP 540 tal-Liġijiet ta' Malta).

Dan jista' jirrifletti jew le l-markatur tal-ġeneru fuq id-dokumentazzjoni uffiċjali tagħhom.

**Ġeneru mhux konformi** Jiddeskrivi espressjoni tal-ġeneru li hija differenti min-normi ta' soċjetà partikolari għall-irġiel u n-nisa.

**Ġeneru Queer** Jiddeskrivi persuna li tipikament tirrifjuta l-kunċetti ta' kategoriji statiċi ta' ġeneru u tħaddan fluwidità fl-identità tal-ġeneru tagħha. In-nies genderqueer iqisu li l-identità tal-ġeneru tagħhom taqa' barra mill-binarju tradizzjonali tal-ġeneru.

**Ġinasesswali** Attrazzjoni sesswali jew romantika lejn nisa, persuni femminili jew il-femminilità, irrispettivament mill-bijoloġija, l-anatomija jew is-sess assenjat mat-twelid.

## G

**Gay** Persuna li tkun attirata romantikament, emozzjonalment u/jew sesswalment lejn nies tal-istess ġeneru. Tradizzjonalment, dan it-terminu jirreferi għall-irġiel, iżda nies oħrajn li huma attirati lejn l-istess ġeneru jew aktar minn ġeneru wieħed jistgħu wkoll jiddefinixxu lilhom infushom bħala gay.

*Evita t-terminu omosesswali. Minħabba l-istorja klinika, dan t-terminu jintuża b'mod aggressiv mill-estremisti biex jissuġġerixxi li persuni gay huma b'xi mod morda jew ibatu minn disturbi psikoloġiċi jew emozzjonali.*

## I

**Identità tal-ġeneru** "Tirreferi għall-esperjenza tal-ġeneru interna u individwali ta' kull persuna, li tista' tikkorrespondi jew ma tikkorrespondix mas-sess assenjat mat-twelid, inkluż is-sens personali tal-ġisem (li jista' jinvolvi, b'għażla ħielsa, tibdil fl-apparenza tal-ġisem u/jew funzjonijiet permezz ta' mezzi mediċi, kirurġiċi jew xort'oħra) u espressjonijiet oħrajn tal-ġeneru, inklużi l-isem, l-ilbies, id-diskors u l-komportament" (KAP 540/567 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Infezzjonijiet trażmessi sesswalment (STIs)** Dawn huma infezzjonijiet li jittieħdu permezz ta' kuntatt sesswali. Il-batterji, il-viruses u l-parassiti involuti fit-trażmissjoni ta' STIs jistgħu jgħaddu minn persuna għal oħra f'kuntatt dirett mad-demm, is-semen u/jew il-fluwidi vaġinali/tal-ġisem.

**Intersess** Terminu kollettiv użat biex jiddeskrivi firxa wiesgħa ta' varjazzjonijiet naturali tal-ġisem. Individwi intersess jitwieldu b'karatteristiċi tas-sess li huma kemm femminili kif ukoll maskili fl-istess ħin, mhux għal kollox femminili jew maskili jew la femminili u lanqas maskili. Fil-maġġoranza l-kbira tal-każijiet, il-karatteristiċi tas-sess u l-iġsma tan-nies intersess huma varjazzjonijiet b'saħħithom tas-sessi umani. Għal xi persuni intersess, il-ġisem intersess tagħhom isir viżibbli mat-twelid, għal xi wħud matul it-tfulija, filwaqt li għal oħrajn, il-ġisem tagħhom jiġi rikonoxxut li huwa intersess matul l-adoloxxenza jew saħansitra meta jsiru adulti. Għal xi wħud, id-differenzi jkunu tant żgħar li jista' jkun li dawn qatt ma jirrealizzaw li huma intersess.

*Evita termini malafamanti u antikwati bħal ermafrodit.*

**Intersezzjonalità** In-natura interkonnessa tal-kategorizzazzjonijiet soċjali bħar-razza, il-klassi, l-orjentazzjoni sesswali, id-diżabilità u l-ġeneru kif japplikaw għal individwu jew grupp partikolari, meqjusa bħala li joħolqu sistemi ta' diskriminazzjoni jew ta' żvantaġġ li jikkoinċidu u huma interdipendenti.

**Inviżibbiltà bisesswali** Tirreferi għat-tendenza li tiġi injorata, imneħħija, iffalsifikata u/jew interpretata ħażin l-evidenza tal-bisesswalità fl-istorja, fl-akkademja u fil-midja. F'każijiet estremi tista' tinkludi wkoll iċ-ċaħda tal-eżistenza tal-bisesswalità.

**Irġiel li jkollhom rapport sesswali ma' rġiel oħra (MSM)** MSM huwa terminu kliniku użat biex jirreferi għal irġiel li jkollhom x'jaqsmu sesswalment ma' rġiel oħra, iżda li mhux bilfors jidentifikaw ruħhom bħala persuni gay jew bisesswali.

## J

**Jistaqsu ('Questioning')** Dan it-terminu jirreferi għal nies li għadhom fil-proċess li jesploraw l-orjentazzjoni sesswali u/jew l-identità tal-ġeneru tagħhom.

# K

**Karatteristiċi protetti** Jinkludu, iżda mhux limitati għal, razza, kulur, reliġjon, sess, responsabbiltajiet tal-familja ta' individwu, oriġini nazzjonali, età, diżabilità fiżika jew mentali, stat ċivili, orjentazzjoni sesswali, identità tal-ġeneru, espressjoni tal-ġeneru, karatteristiċi tas-sess jew kwalunkwe karatteristika oħra protetta bil-liġi.

**Karatteristiċi tas-sess** "Il-fattizzi kromożomali, gonadali u anatomiċi ta' persuna li jinkludu l-karatteristiċi primarji bħal organi riproduttivi u ġenitali u/jew l-istruttura tal-kromożomi u l-ormoni; u karatteristiċi sekondarji bħal massa muskolari, distribuzzjoni tal-pil, is-sider u/jew l-istatura" (KAP 540 tal-Liġijiet ta' Malta)

**Karatteristiċi tas-sess sekondarji** Karatteristiċi li jitfaċċaw fil-maturità sesswali u matul il-pubertà fil-bnedmin, iżda b'differenza mill-organi sesswali, mhumiex direttament parti mis-sistema riproduttiva. Dawn jistgħu jinkludu: li jikber u jitwal il-pil tal-wiċċ u tal-ġisem, li teħxien il-vuċi, id-distribuzzjoni tax-xaħam fil-ġisem, li jikber is-sider, it-twessigħ tal-ġenbejn, eċċ.

**Kirurġija tal-affermazzjoni tal-ġeneru** Interventi kirurġiċi li persuna tista' tagħżel li tagħmel. Mhux il-persuni kollha jagħżlu jew jistgħu jaffordjaw li jgħaddu minn kirurġija, u dan ma jagħmilx lil persuna inqas raġel jew mara.

*Evita t-terminu kirurġija ta' assenjazzjoni mill-ġdid tas-sess ('sex reassignment surgery') jew bidla tas-sess ('sex change').*

**Kumpann/Sieħeb/Sieħba** Terminu inklużiv fir-rigward tal-ġeneru li spiss jintuża mill-komunità LGBTIQ+ biex jirreferi għall-persuna li magħha persuna tkun f'relazzjoni.

# L

**Leżbjana** Mara li hija attirata b'mod romantiku, emozzjonali u/jew sesswali lejn nisa oħrajn.

*Evita termini dispreġġjattivi bħal mara/raġel, u kliem simili.*

# M

**Magħluqa ('Closeted')** Nies li ma jaqsmux l-identità LGBTIQ+ tagħhom. Xi nies jistgħu jiddeċiedu li joħorġu ('coming out') ma' xi persuni, filwaqt li jibqgħu magħluqa ma' oħrajn.

**Manosesswali** Terminu wiesa' li jinkludi fih lil kull min jesperjenza biss attrazzjoni romantika u/jew sesswali lejn persuni ta' sess u/jew ġeneru wieħed. Dan tipikament jinkludi lil dawk li jidentifikaw ruħhom bħala esklussivament eterosesswali, gay jew leżbjani.

**Mara Endosess** Terminu assenjat mat-twelid lil persuna li s-sess tagħha jipproduċi l-ova u li għandha anatomija tradizzjonalment definita (eż. vaġina, utru) u għamla kromożomali (XX) ta' tifla/mara.

**Mara trans** Terminu użat biex jidentifika persuna assenjata bħala raġel mat-twelid, iżda li tidentifika ruħha bħala mara, tgħix bħala mara, jew tidentifika ruħha bħala femminili.

**Markatur** "Jirreferi għall-identifikatur li jikklassifika persuna f'kategorija partikolari tas-sess" (KAP 540 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Maskulinità /Maskili** Sett ta' attributi, imġiba u/jew rwoli tipikament assoċjati mas-subien u l-irġiel. Il-maskulinità ħafna drabi titqies bħala kostruzzjoni soċjali bbażata fuq fatturi maħluqa soċjalment, u kull persuna ta' kwalunkwe identità tal-ġeneru jew karatteristika tas-sess tista' turi karatteristiċi maskili.

**Mhux binarja** Persuna li l-identità tal-ġeneru tagħha taqa' barra mill-binarju tradizzjonali tal-ġeneru. Termini oħrajn għal persuni li l-identità tal-ġeneru tagħhom taqa' barra mill-binarju tal-ġeneru jinkludu persuni ta' ġeneru varjant, persuni ta' ġeneru espansiv, persuni *genderqueer,* persuni ta' ġeneru fluwidu, eċċ. L-espressjoni tal-ġeneru tista', iżda mhux dejjem, tvarja min-normi tas-soċjetà għall-irġiel u n-nisa.

**Misoġinija** Mibegħda jew disprezz lejn in-nisa u l-bniet abbażi biss tal-ġeneru tagħhom. Din tista' tiġi mmanifestata b'diversi modi, inkluż iżda mhux limitat għal, diskriminazzjoni sesswali, vjolenza abbażi tal-ġeneru u oġġettivazzjoni.

# N

**Nisa li jkollhom rapport sesswali ma' nisa oħra (WSW)** WSW huwa terminu użat biex jirreferi għal nisa li jkollhom x'jaqsmu sesswalment ma' nisa oħra, iżda mhux bilfors jidentifikaw ruħhom bħala leżbjani jew bisesswali.

# O

**Omnisesswali** Persuna li s-sesswalità tagħha mhijiex limitata għal ġeneru, sess jew orjentazzjoni sesswali partikolari.

**Omofobija** Diskriminazzjoni, u/jew preġudizzju lejn persuni li huma attirati lejn persuni tal-istess ġeneru. Din tista' kultant tirreferi għall-biża' minn persuni LGBTIQ+ b'mod ġenerali.

**Omosesswali** Terminu użat biex jiddeskrivi lil persuna li għandha attrazzjoni emozzjonali, romantika u/jew sesswali lejn persuna oħra tal-istess ġeneru. It-terminu 'gay' ġeneralment jintuża aktar u huwa ppreferut.

**Oppressjoni** Is-sottomissjoni sistematika ta' grupp ta' nies fuq grupp ieħor b'aċċess għall-poter soċjali, li r-riżultat tagħha jkun ta' benefiċċju għal grupp wieħed fuq l-ieħor u li tkun sostnuta minn twemmin jew prattiki soċjali.

**Oppressjoni internalizzata** Il-proċess li bih persuna oppressa tasal biex temmen, taċċetta jew tgħix l-isterjotipi mhux korretti u l-informazzjoni ħażina dwar il-grupp li għalih tappartjeni

**Oppressjoni istituzzjonali** Arranġament ta' soċjetà użat biex jibbenefika grupp wieħed għad-detriment ta' ieħor permezz tal-użu tal-lingwa, l-edukazzjoni fuq il-midja, ir-reliġjon, l-ekonomija, eċċ.

**Orjentazzjoni sesswali** "Il-kapaċità ta' kwalunkwe persuna li jkollha emozzjonijiet profondi, attrazzjonijiet affezzjonali u sesswali lejn, u relazzjonijiet intimi u sesswali ma', persuni ta' ġeneru differenti, tal-istess ġeneru jew ta' aktar minn ġeneru wieħed" (KAP 567 tal-Liġijiet ta' Malta)

*Evita t-terminu offensiv "preferenza sesswali". L-orjentazzjoni sesswali mhijiex għażla jew preferenza.*

**'Out'** Persuni li jidentifikaw lilhom infushom bħala LGBTIQ+ fil-ħajja personali, pubblika u/jew professjonali tagħhom. Persuna li tkun 'out' f'ambjent wieħed tista' ma tkunx 'out' f'ieħor.

**'Outing'** L-att li jiddikjara pubblikament l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru jew il-karatteristiċi tas-sess ta' persuna oħra mingħajr il-kunsens tal-persuna kkonċernata. Xi drabi dan ikun sempliċiment ibbażat fuq xnigħat jew suppożizzjonijiet.

## P

**Panġeneru** Identità tal-ġeneru li mhijiex limitata għal ġeneru wieħed biss u li tista' tinkludi diversi ġeneri f'daqqa.

**Pansesswali** Persuna li tesprimi s-sesswalità fil-forom kollha tagħha, jew li hija attirata b'mod romantiku, emozzjonali u/jew sesswali lejn persuni oħrajn, irrispettivament mil-ġeneru tagħhom. Persuna taf tesperjenza din l-attrazzjoni b'modi u gradi differenti tul ħajjitha.

**Poliamoruża** Il-parteċipazzjoni simultanja f'aktar minn relazzjoni romantika, emozzjonali u/jew sesswali waħda bl-għarfien u l-kunsens tas-sħab kollha involuti.

**Pomosesswali** Terminu użat biex jiddeskrivi persuni li jirrifjutaw l-idea li jiddefinixxu s-sesswalità tagħhom, jew li ma jidentifikaw ruħhom ma' ebda tikketta. It-terminu pomosesswali nnifsu mhux bilfors jitqies bħala identità, iżda pjuttost ċaħda ta' waħda.

**Prattiki ta' konverżjoni** "Kwalunkwe trattament, prattika jew sforz sostnut li l-għan tagħhom huwa li jbiddlu, irażżnu u/jew jeliminaw l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru u/jew l-espressjoni tal-ġeneru ta' persuna. Dawn il-prattiki ma jinkludux (a) kwalunkwe servizz u/jew intervent relatat mal-esplorazzjoni u/jew l-iżvilupp ħieles ta' persuna u/jew affermazzjoni tal-identità fir-rigward ta' waħda jew aktar mill-karatteristiċi li huma affermati minn dan l-Att, permezz ta' counselling, servizzi psikoterapewtiċi u/jew servizzi simili; jew (b) kwalunkwe servizz tas-saħħa relatat mal-iżvilupp ħieles u/jew l-affermazzjoni tal-identità tal-ġeneru u/jew l-espressjoni tal-ġeneru ta' persuna; u/jew (ċ) kwalunkwe servizz ta' saħħa li jingħata għall-kura ta' disturb mentali" (KAP 567 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Pride** Tirreferi għall-promozzjoni tal-awtoaffermazzjoni, id-dinjità, l-ugwaljanza u l-viżibbiltà akbar tal-komunità LGBTIQ+. Billi tadotta dan it-terminu, il-komunità LGBTQ+ qed tafferma d-dritt tagħha li teżisti liberament fis-soċjetà mingħajr mistħija u stigma.

**Profilassi ta' qabel l-espożizzjoni (PrEP)** PrEP hija mediċina li tittieħed minn nies f'riskju akbar li jieħdu l-HIV biex jipprevjenu dan. Meta tittieħed kif preskritta, il-PrEP hija effettiva ħafna biex tipprevjeni t-trażmissjoni tal-HIV.

**Profilassi ta' wara l-espożizzjoni (PEP)** PEP hija mediċina li tittieħed biex tipprevjeni l-HIV wara espożizzjoni possibbli. Il-PEP għandha tintuża biss f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u għandha tittieħed fi żmien 72 siegħa wara espożizzjoni reċenti possibbli għall-HIV.

**Pronomi** Din hija espressjoni użata biex tiddeskrivi l-pronomi personali fit-tielet persuna li n-nies iridu li oħrajn jużaw meta jitkellmu dwarhom. Jista' jkun li ltqajt ma' pronomi ppreferuti fuq tikketti tal-ismijiet jew fuq il-midja soċjali. Tipikament, il-pronomi jinkitbu kif ġej:

- hu/dan
- hi/din
- huma/dawn

# Q

**Queer** Preċedentement użat bħala terminu dispreġġjattiv biex jirreferi għal individwi LGBTIQ+ bil-lingwa Ingliża, it-terminu 'queer' ġie rrevokat minn xi nies li jidentifikaw ruħhom lil hinn mill-kategoriji tradizzjonali tal-ġeneru u n-normi soċjali eteronormattivi. Madankollu, skont il-kuntest, xi nies xorta jistgħu jsibu dan it-terminu offensiv. Queer jirreferi wkoll għat-teorija queer, qasam akkademiku li jisfida n-normi soċjali eteronormattivi li jikkonċernaw il-ġeneru u s-sesswalità.

# R

**Raġel Endosess** Terminu assenjat mat-twelid lil persuna li s-sess tagħha jipproduċi l-isperma u li għandha anatomija tradizzjonalment definita (eż. pene, skrotum) u għamla kromożomali (XY) ta' tifel/raġel.

**Raġel trans** Terminu użat biex jidentifika persuna assenjata bħala mara mat-twelid, iżda li tidentifika ruħha bħala raġel, tgħix bħala raġel, jew tidentifika ruħha bħala maskili.

**Rikonoxximent tal-ġeneru legali** Proċess li bih il-ġeneru ta' persuna trans jiġi rikonoxxut fil-liġi, jew inkella l-kisba tal-proċess

# S

**Sapjosesswali** Terminu użat biex jirreferi għal persuni li jesperjenzaw attrazzjoni romantika u/jew sesswali bbażata fuq l-intelliġenza ta' persuna flimkien ma', jew aktar milli, is-sess u/jew il-ġeneru.

**Sess** Is-sess jiġi assenjat mat-twelid u miktub fuq iċ-ċertifikat tat-twelid, ġeneralment abbażi tad-dehra tal-anatomija esterna ta' persuna u viżjoni binarja tas-sess li teskludi nies li huma intersess. Madankollu, is-sess ta' persuna huwa taħlita ta' karatteristiċi tal-ġisem, inklużi kromożomi, ormoni, organi riproduttivi interni u esterni, u karatteristiċi tas-sess sekondarji. Is-sess assenjat mat-twelid normalment isir is-sess legali wara li jinkiteb fuq iċ-ċertifikat tat-twelid u jiġi traspost għal dokumenti ta' identifikazzjoni oħrajn.

**Sess assenjat mat-twelid** Dan normalment ikun ibbażat fuq l-anatomija esterna u l-karatteristiċi tas-sess mat-twelid u jirreferi għas-sess (ġeneralment raġel, mara jew intersess) użat minn qabla jew tabib biex jiddeskrivi l-wild.

**Skoljosesswali** Terminu użat biex jiddeskrivi persuni b'attrazzjoni lejn dawk b'identità tal-ġeneru mhux ċisġeneru, tipikament dawk fil-komunità trans (irġiel trans, nisa trans, mhux binarji, genderqueer, eċċ.).

# T

**Ta' ġeneru varjant** Jista' jirreferi għal individwu li l-identità tal-ġeneru u/jew l-espressjoni tal-ġeneru tiegħu hija differenti mill-identità tal-ġeneru normattiva u/jew ir-rwoli/in-normi tal-ġeneru assenjati mat-twelid.

**Terapija ormonali tal-affermazzjoni tal-ġeneru** L-amministrazzjoni ta' terapija bl-ormoni sabiex tqarreb il-karatteristiċi fiżiċi ta' persuna mal-identità tal-ġeneru tagħha.

**Tgħaddi ('passing')** Dan it-terminu jirreferi għall-perċezzjonijiet, l-aspettattivi u s-suppożizzjonijiet tas-soċjetà dwar is-sesswalità jew il-ġeneru ta' persuna. Dan it-terminu spiss jintuża speċifikament biex jiddiskuti u jiddibatti sa liema punt persuna LGBTIQ+ hija pperċepita jew preżunta li hija eterosesswali jew ċisġeneru.

**Toħroġ ('Coming out')** Persuni LGBTIQ+ l-ewwel isawru sens ta' identità għalihom infushom li mbagħad jistgħu jagħżlu li jiżvelaw mal-oħrajn. Il-ħruġ huwa proċess tul il-ħajja li fih individwu jiżvela l-identità LGBTIQ+ tiegħu.

**Trans/Transġeneru** Trans huwa terminu kollettiv li jirreferi għal dawk in-nies li l-identità tal-ġeneru u/jew l-espressjoni tal-ġeneru tagħhom tkun differenti mis-sess li ġew assenjati mat-twelid. Jinkludi wkoll dawk il-persuni li jidentifikaw ruħhom bħala ta' ġeneru varjant jew bi kwalunkwe identità u/jew espressjoni tal-ġeneru oħra li mhijiex fin-norma ta' raġel jew mara u li jesprimu l-ġeneru tagħhom permezz tal-għażla tal-ħwejjeġ, il-preżentazzjoni jew il-modifiki tal-ġisem tagħhom, inkluż li jagħżlu li jgħaddu minn xi proċeduri kirurġiċi.

**Transesswali** Terminu antik u mediku użat biex jirreferi għal nies li jidentifikaw ruħhom u jgħixu f›ġeneru differenti mis-sess assenjat lilhom mat-twelid. It-terminu għadu ppreferut minn xi nies li biħsiebhom jgħaddu, qed jgħaddu jew għaddew minn trattament ta' affermazzjoni tal-ġeneru (li jista' jinvolvi jew ma jinvolvix terapija bl-ormoni jew kirurġija).

**Transfobija** Tirreferi għal twemmin, opinjonijiet, attitudnijiet u mġiba kulturali u personali negattivi bbażati fuq preġudizzju, stmerrija, biża' u/jew mibegħda ta' persuni trans jew kontra varjazzjonijiet tal-identità tal-ġeneru u l-espressjoni tal-ġeneru.

**Transġeneru u ta' ġeneru varjant (TGD)** Terminu li jiddeskrivi membri tal-ħafna komunitajiet varjati globalment ta' nies b'identitajiet tal-ġeneru jew espressjonijiet li huma differenti mil-ġeneru attribwit soċjalment għas-sess assenjat lilhom mat-twelid. Dan jinkludi nies li għandhom esperjenzi, identitajiet jew espressjonijiet speċifiċi għall-kultura u/jew speċifiċi għal-lingwa, u/jew li mhumiex ibbażati fuq, jew inklużi minn, kunċettwalizzazzjonijiet tal-ġeneru fil-Punent, jew il-lingwa użata għad-deskrizzjoni tiegħu.

**Transmisoġinija** L-intersezzjoni ta' transfobija u misoġinija. Tista' tiġi espressa permezz ta' attitudnijiet negattivi, mibegħda kulturali, vjolenza individwali u statali, u diskriminazzjoni diretta lejn nisa trans u nies trans mhux konformi fil-ġeneru iżda meqjusa aktar femminili fl-ispettru tal-ġeneru.

**Tranżizzjoni** Tirreferi għal serje ta' passi li persuna tista' tagħżel li tieħu biex tgħix fil-ġeneru li tidentifika ruħha miegħu. It-tranżizzjoni tista' tkun soċjali u/jew medika, u l-passi jistgħu jinkludu li l-persuna toħroġ ('come out') mal-familja, il-ħbieb u l-kollegi; tilbes u taġixxi skont il-ġeneru tagħha; tbiddel isimha u/jew is-sess/il-ġeneru tagħha fuq dokumenti legali; trattamenti mediċi inklużi terapiji bl-ormoni u possibbilment tip wieħed jew aktar ta' kirurġija. Ma hemm l-ebda qafas ta' żmien stabbilit jew passi obbligatorji li persuna trid tieħu sabiex il-ġeneru tagħha jiġi rikonoxxut jew jitqies leġittimu.

**Trattament tal-ormoni** L-amministrazzjoni medika biex tagħti spinta lil ċerti ormoni, li tħalli effett fuq il-karatteristiċi tas-sess sekondarji tal-persuna. Xi wħud, iżda mhux il-persuni transġeneri kollha, jistgħu jiddeċiedu li jgħaddu minn tranżizzjoni medika u jistgħu jagħżlu li jużaw terapija bl-ormoni bħala parti mit-tranżizzjoni tagħhom.

## U

**Unjoni ċivili** Forma uffiċjali ta' sħubija rikonoxxuta f'Malta u li hija disponibbli għall-koppji kollha.

## V

**Varjazzjonijiet fl-iżvilupp sesswali (VSD)** Xi drabi medikament imsejħa wkoll bħala Differenzi fl-Iżvilupp Sesswali jew Disturbi tal-Iżvilupp Sesswali (DSD), dawn huma kundizzjonijiet konġenitali li fihom l-iżvilupp tas-sess kromożomali, gonadali jew anatomiku jkun atipiku (spiss imsejħa kollettivament bħala intersess).

**Virus tal-immunodefiċjenza umana (HIV)** Virus li jikkomprometti s-sistema immunitarja, li jagħmel il-ġisem aktar suxxettibbli għal infezzjonijiet u mard. Il-virus jeħel maċ-ċelluli CD4 (ċelluli li jipprovdu immunità kontra l-mard) u, b'hekk, jagħmilhom ineffettivi fil-ġlieda kontra l-infezzjonijiet u jagħmel il-ġisem suxxettibbli għall-mard. Barra minn hekk, il-virus jiġi rreplikat kull darba li ċellula CD4 timmultiplika u, b'hekk, jiżdied fin-numri. Jekk ma jinżammx taħt kontroll, jista' jikkawża AIDS (Sindromu Akkwistat tal-Immunodefiċjenza).

**Vittimizzazzjoni** Terminu speċifiku li jiddeskrivi diskriminazzjoni li persuna ssofri minħabba li tkun għamlet ilment jew kienet xhud fl-ilment ta' persuna oħra.

**Vjolenza abbażi tal-ġeneru (GBV)** "Kull att jew ommissjoni diretta kontra persuna minħabba l-ġeneru tagħha li jirriżulta, jew li aktarx jirriżulta, fi ħsara jew tbatija fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika, inkluż theddid ta' tali atti, sfurzar jew ċaħda arbitrarja tal-libertà, kemm jekk issir fil-ħajja pubblika kif ukoll dik privata" (KAP 581 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Vjolenza Domestika (DV)** "Kwalunkwe att jew ommissjoni li jinvolvu l-użu ta' vjolenza verbali, fiżika, sesswali, psikoloġika jew ekonomika li tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u/jew morali, inkluża t-theddida ta' dak l-att jew dik l-ommissjoni, l-isfurzar, jew iċ-ċaħda arbitrarja tal-libertà, li sseħħ fi ħdan familja jew unità domestika, kemm jekk l-awtur tar-reat jgħix jew kien jgħix fl-istess residenza mal-vittma kif ukoll jekk le, u għandhom jinkludu wkoll tfal li jkunu xhieda ta' vjolenza fil-familja jew fi ħdan unità domestika" (KAP 581 tal-Liġijiet ta' Malta).

## Ż

**Żwieġ** Forma uffiċjali ta' sħubija rikonoxxuta f'Malta li hija disponibbli għall-koppji kollha. Fi kwalunkwe każ, huwa ppreferut li sempliċiment jintuża t-terminu "żwieġ" jew "ugwaljanza fiż-żwieġ".

*Evita termini bħal "żwieġ omosesswali" u "żwieġ bejn persuni tal-istess sess".*

# Akronimi

**LGBTIQ+** Akronimu għal nies leżbjani, gay, bisesswali, trans, intersess u queer. Il-"+" tirrappreżenta lil dawk li huma parti mill-komunità, iżda li għalihom LGBTIQ ma jkoprix jew ma jirriflettix b'mod preċiż l-identità tagħhom. Huwa akronimu li jintuża b'mod komuni fi ħdan il-moviment LGBTIQ+ innifsu.

L-akronimu LGBTIQ+ jirreferi għal gruppi differenti ta' nies li storikament ġew emarġinati minħabba li ma jidentifikawx ruħhom man-normi tal-ġeneru u tas-sesswalità.

Anki jekk bħall-akronimi kollha, dan jinkludi u jeskludi xi nies, huwa jippermetti li jinxteħet dawl fuq sitwazzjonijiet u esperjenzi li ħafna drabi huma inviżibbli fis-soċjetà.

L-akronimu nbidel maż-żmien, u jvarja bejn il-pajjiżi, ir-reġjuni u l-komunitajiet. Varjanti popolari oħrajn iżidu l-ittra "a", bħal ngħidu aħna f'asesswali, aromantiku jew aġeneru.

Filwaqt li jistgħu jintużaw diversi akronimi, wieħed għandu jkun konxju li dawn mhumiex interkambjabbli. Kull ittra tirrappreżenta grupp speċifiku. Għalhekk, meta nużaw akronimu speċifiku, inkunu qegħdin ninkludu/neskludu ċerti nies, li dejjem għandu jkun iġġustifikat.

It-termini u l-kulturi li jirrigwardjaw l-orjentazzjoni sesswali, l-identità tal-ġeneru, l-espressjoni tal-ġeneru u l-karatteristiċi tas-sess qed jevolvu kontinwament u jistgħu jvarjaw f'pajjiżi differenti. L-importanti hu li aħna nisimgħu lin-nies u nirriflettu fuq it-terminoloġija li jużaw biex jidentifikaw lilhom infushom.

**SOGIGESC** Orjentazzjoni sesswali, identità tal-ġeneru, espressjoni tal-ġeneru u karatteristiċi tas-sess

**AFAB** Assenjata mara mat-twelid

**AIDS** Sindromu akkwistat tal-immunodefiċjenza

**AMAB** Assenjat raġel mat-twelid

**DSD** Differenzi fl-iżvilupp sesswali

**DV** Vjolenza domestika

**GBV** Vjolenza abbażi tal-ġeneru

**HIV** Virus tal-immunodefiċjenza umana

**IPV** Vjolenza minn sieħeb/sieħba intimu/a

**MSM** Irġiel li jkollhom rapport sesswali ma' rġiel oħra

**PEP** Profilassi ta' wara l-espożizzjoni

**PREP** Profilassi ta' qabel l-espożizzjoni

**STIs** Infezzjonijiet trażmessi sesswalment

**TGD** Transġeneru u varjanttal-ġeneru

**VSD** Varjazzjonijiet fl-iżvilupp sesswali

**WSW** Nisa li jkollhom rapport sesswali ma' nisa oħra


Il-lingwa hija xi ħaġa ħajja, li tikber u tinbidel u hija waħda mill-aktar mezzi effettivi ta' espressjoni. Huwa wkoll sinjal qawwi ta' kif nistgħu nippromwovu l-ugwaljanza u neliminaw l-preġudizzji u d-diskriminazzjoni. L-użu ta' lingwaġġ xieraq u inklużiv għall-komunità LGBTIQ+ huwa turija ta' rispett lejn id-diversità u l-umanità tal-komunita, mhux kwistjoni korrettezza politika.
– On. Rebecca Buttigieg, Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza.
www.lgbtiq.gov.mt